# Qamar tal-Vikingi

CHARLES FLORES

Ja qamar tal-Vikingi,
fejn marru u ħbew l-imqadef
dawk l-imxajtna?
fit-terrapien
taż-żmien
u l-ilma kiesaħ ta' l-imgħoddi,
jew fil-masġar sfiq
fejn l-uċuħ mudlama jħarsu
lejk mill-għoli
bħal għefieret jiżfnu f'nofs it-triq?
Ja qamar tal-Vikingi,
għalfejn id-dgħajjes kbar maqbuda
f'ħalq ix-xmajjar
bħal donnhom papri ġwejda jistennew
il-piż ta' riġlek nieżel
fuq ġwinħajhom?
Aktar ma l-ilma jiksaħ u jiċċara
aktar tara
lili u lilek niflu l-ħofor f'wiċċna
u l-widien iterrqu
f'ġisem li ma jridx ħlief jitla' fuq id-dgħajsa
ħa ssalpa 'l hinn mid-dħaħen
ta' filgħodu,
flimkien infittxu dawk l-imqadef
li darba ħbew il-Vikingi.